Nru. 733

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:–

Proprjetà Nru. 5, Sqaq Nru. 1,
Triq Santa Luċija,
In-Naxxar

(ara l-pjanta f'paġna 6696) tista' tkun ta' valur storiku ħekk li għandha tkun inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għar-rigward tal-proprjetà imsemmija hawn fuq skond l-artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-proprjetà li qiegħda f'numru 5, Sqaq Nru. 1, Triq Santa Luċija, in-Naxxar, għandha titqies bħala proprjetà ta' Grad 2, skond il-*Policy* UCO u tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valuri storiċi u arkitettoniċi tagħha.

(ii) L-ebda żvilupp ma jista' jsir fl-ebda parti ta' l-imsemmija proprjetà.

(iv) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq il-proprjetà msemmija, li jistgħu jkunu bil-permess, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien ta' sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

No. 733

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely:–

No. 5, Alley 1,
Sta. Lucia Street
Naxxar

(see plan on page 6696) could be of architectural and historical value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of Section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The property, situated at no. 5, Alley 1, Sta. Lucia Street, Naxxar, is to be considered as a Grade 2 listed property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its architectural and contextual value.

(ii) No development will be permitted to any part of the aforementioned property.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above property, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of six (6) months from the date of publication of this Order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order, the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.



St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E49727, N74782
Max E49913, N74950

Title :-

5, Alley 1, Triq Santa Lucija, Naxxar

Ref No. :- GF 104/2000

Key :-

Emergency Conservation Order Boundary

Form No. :- MU004